**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 15 ta' Marzu 2016 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. Il-faqar fid-dinja: Jeżistu soluzzjonijiet?

- Hawn min hu sinjur ħafna u hawn min hu fqir wisq. X'taħseb li jwassal għal din is-sitwazzjoni?
- Il-ġid fid-dinja jservi għal kulħadd? Jekk iservi, mela għaliex hawn tant faqar?
- Il-ġid tad-dinja f'idejn min qiegħed? F'idejn il-ftit? F'idejn pajjiżi kbar? F'idejn l-Ewropej u l-Amerikani?
- Veru li l-pajjiżi sinjuri qed igawdu minn fuq dahar il-pajjiżi l-foqra, l-iktar dawk Afrikani? Jekk iva, kif? – F'xi pajjiżi n-nies il-foqra jaħdmu l-art għas-sinjuri.
- Ħafna mill-pajjiżi foqra kienu kolonji. Taħseb li dan b'kumbinazzjoni?
- Il-pajjiżi l-foqra għandhom l-aqwa riżorzi: mela għaliex foqra?
- X'taħseb li qed ikompli jikkawża l-faqar fid-dinja? – (Il-ġlied u l-gwerer ċivili, eċċ.)
- X'inhuma l-konsegwenzi tal-faqar? Mard, ġuħ, imwiet, nuqqas ta' ħtiġijiet bażiċi, emigrazzjoni lejn pajjiżi sinjuri, l-iktar dawk Ewropej.
- Taħseb li l-edukazzjoni tgħin biex jitrażżan il-faqar?
- Il-ħidma ta' diversi għaqdiet fid-dinja biex jittaffa l-faqar: kemm hi effettiva?
- Il-ħidma tal-Knisja favur il-foqra: il-missjunarji u l-volontiera lajċi.

## 2. Il-kontroll tal-mezzi tax-xandir

- Jeżistu forom differenti ta' mezzi tax-xandir. Tista' ssemmi xi wħud minnhom u tgħid xi ħaġa dwarhom?
- Il-mezzi tax-xandir u l-qawwa tagħhom fuq l-imħuħ tan-nies. Diversi nies iqisu dak li jisimgħu u jaraw fuq il-mezzi tax-xandir bħala vanġelu. Taħseb li llum kulħadd għadu jemmen kollox?
- Opinjoni xi drabi titqies bħala fatt. L-effett ta' programmi ta' diskussjoni fuq l-ideat tan-nies.
- Sehem il-partiti politiċi fil-mezzi tax-xandir. L-aħbarijiet fuq l-istazzjonijiet politiċi u l-influwenza tagħhom fuq l-ideat tan-nies.
- Il-mezzi tax-xandir bħala mezz ta' informazzjoni; kemm hi korretta l-informazzjoni li toħroġ?
- L-effetti tar-reklami fuq ix-xiri.
- Taħseb li r-ripetizzjoni twassal għal ħasil il-moħħ (*brainwashing*)?
- L-effett tal-mezzi tax-xandir fuq il-valuri tas-soċjetà.
- Jeżistu rimedji biex jonqos il-kontroll tal-mezzi tax-xandir fuq ħajjitna?

## 3. Ħarsa lejn il-kotba li għandi d-dar

- X'kotba għandek id-dar?
- Kif jista' bniedem jibni librerija personali li tibqa' taqdih tul ħajtu kollha?
- Taqbel li wieħed ibigħ il-kotba li jkun studja fuqhom meta jtemm il-kors? Ktieb mixtri matul il-kors jibqa' utli wara l-kors? Għaliex?
- Kieku kellek tikklassifika l-ġabra tal-kotba li għandek id-dar, kif tagħmilha din il-klassifika?
- Taħseb li hemm rabta, kbira jew żgħira, diretta jew indiretta, bejn kotba dwar oqsma differenti? Għaliex?
- X'bidla jista' jġib fik ktieb għaqli, tajjeb? Kif jingħaraf ktieb bħal dan?
- Taħseb li ktieb jibqa' siewi anki meta l-kontenut tiegħu jkun tbiddel, bħalma jiġri fix-Xjenza?
- X'valur miżjud, akbar, jista' jkollu ktieb li jkun għadda ż-żmien minn fuqu? (Fost l-oġġetti li huma stmati għall-antikità tagħhom, u jispiċċaw mibjugħa bi prezzijiet għoljin bħala oġġetti ta' valur anki finanzjarju, hemm ukoll il-kotba.)
- Kotba qodma huma apprezzati ħafna għaliex isiru rari, u jispiċċaw merfugħin f'xi bibljoteka jew f'mużew. Tiftakar li qatt rajt mill-qrib xi ktieb antik? X'laqtek fih?
- U jekk qatt ma kellek din l-opportunità, x'taħseb li għandek tistenna li tiskopri f'oġġett antik bħal dan, magħmul mill-ideat u mill-karti?
- Għaliex hawn bosta nies li jsostnu li l-ktieb huwa ħabib kbir li jibqa' miegħek dejjem?
- Jista' jkun li ktieb jagħmel il-ħsara? Kif jingħaraf ktieb bħal dan?

## 4. It-tibdil fil-klima: Rimedji

- Għaliex taħseb li qed iseħħ dan it-tibdil fil-klima tad-dinja?
- X'effett taħseb li qed jikkawża dan it-tibdil fil-klima? (L-istaġuni qed jinbidlu; ħafna għargħar; is-silġ qed jinħall; sħana aktar mis-soltu; in-nixfa f'xi pajjiżi.)
- Taħseb li l-poplu Malti sar aktar konxju ta' dan is-suġġett?
- X'taħseb li huwa l-effett tal-iżvilupp fl-industrija fuq it-tibdil fil-klima?
- Il-mard kawża tat-tibdil fil-klima.
- Il-konferenza dinjija f'Pariġi dwar rimedji biex il-klima ma tkomplix togħla: ftehim tassew jew falz? Taħseb li l-pajjiżi se jżommu kelmthom? Għaliex?
- Mezzi naturali flok mezzi li jħammġu l-arja - inċentivi mill-Gvern għall-użu ta' enerġija alternattiva u karozzi li jħammġu inqas.
- L-użu tal-enerġija alternattiva: għas-sinjuri biss?
- L-edukazzjoni mid-dar u mill-iskola.

## 5. Il-perikli taż-żgħożija

- Iż-żgħożija hija l-isbaħ żmien tal-ħajja. Taqbel? Għaliex?
- Iż-żgħożija hi fażi meta persuna tiskopri, tesperimenta, toħlom u tixtieq. Imma dan kollu jġorr miegħu diversi perikli wkoll. Liema huma l-perikli l-aktar komuni fost tant oħrajn fi żmienna?
- Il-kumpanija u l-ħbieb li ż-żgħażagħ jagħmluha magħhom huma l-akbar sors li jwassal għal perikli fost iż-żgħażagħ. Taqbel?
- Taqbel li ż-żgħażagħ għandhom ikunu dejjem ċerti li kull pass li jagħmlu jkun pass maħsub, għaqli, meħud bil-kalma? Għaliex?
- Taħseb li l-edukazzjoni, fil-livelli kollha tagħha, qiegħda toffri opportunitajiet li jwasslu liż-żgħażagħ jiksbu dak il-grad ta’ maturità li jeħtieġu f’żgħożithom?
- Taħseb li l-edukazzjoni għandha tkun ukoll okkażjoni biex persuna tagħraf x’inhu tajjeb u x’inhu ħażin għaliha?
- Taħseb li jeżistu żbalji gravi li huma effett tal-fatt li ż-żgħażagħ ma jkunux waslu biex fehmu biżżejjed il-lezzjonijiet li jeħtieġu biex jgħixu żgħożithom hienja?
- Iż-żgħażagħ li jkunu tgħallmu sa minn kmieni kif jgħixu żgħożithom waqt li jieħdu ħsieb tagħhom infushom jistgħu jevitaw l-iżball. X’taħseb?
- Il-ġenituri u l-għalliema huma l-aħjar nies li bl-esperjenza, bil-ħila u bl-imħabba tagħhom jistgħu juru liż-żgħażagħ it-triq li għandhom jgħaddu minnha biex ikunu kuntenti u jevitaw il-perikli. Taqbel? Għaliex?

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 15 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-FAQAR FID-DINJA: JEŻISTU SOLUZZJONIJIET?

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 15 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-KONTROLL TAL-MEZZI TAX-XANDIR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 15 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## ĦARSA LEJN IL-KOTBA LI GĦANDI D-DAR

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**AM 22/ok1.16m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 15 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IT-TIBDIL FIL-KLIMA: RIMEDJI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 15 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-PERIKLI TAŻ-ŻGĦOŻIJA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 16 ta' Marzu 2016 |

## Nota għall-Eżaminaturi

L-oral għandu jieħu forma ta' **diskussjoni** ta' **għaxar minuti** bejn l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi u l-kandidat/a li jinkludi minuta biex il-kandidati jaħsbu fuq it-tema.

Il-kandidati jingħataw tliet temi għad-diskussjoni fuq karti wiċċhom 'l isfel u jagħżlu waħda minnhom quddiem l-eżaminatur jew l-eżaminatriċi biex jitkellmu dwarha. Id-diskussjoni għandha turi l-ħila tal-kandidati fil-komunikazzjoni u fl-użu tajjeb tal-Malti. F'każ li l-kandidati ma jkunux jafu x'se jaqbdu jgħidu, l-eżaminaturi għandhom jgħinuhom jesprimu ruħhom fil-firxa tal-argumenti billi jistaqsuhom xi mistoqsijiet biex iħeġġuhom ikomplu jiddiskutu s-suġġett. F'dan il-proċess l-eżaminaturi għandhom joqogħdu attenti li ma jispiċċawx jitkellmu huma biss.

Bħala għajnuna, ma' kull tema qegħdin jingħataw xi punti għad-diskussjoni. Dawn huma maħsubin bħala gwida għall-eżaminaturi biss u għalhekk l-eżaminaturi jistgħu jvarjaw kemm iridu billi jżidu u jnaqqsu kemm jogħġobhom, u jibdew minn fejn iridu.

Il-marka tal-oral hija 10% tal-marka globali.

L-eżaminaturi għandhom jibbażaw il-marka tagħhom fuq:

a. **L-Iżvilupp tal-Ħsieb u r-Relevanza Tematika** (4 marki)

- l-irbit bejn idea u oħra
- il-loġika tal-ħsibijiet
- ir-relevanza ta' kull opinjoni b'rabta mas-suġġett

**N.B.:** L-eżaminaturi m'għandhomx jiġġudikaw l-opinjonijiet infushom tal-kandidati.

b. **L-Espressjoni** (6 marki)

- l-użu ta' Malti idjomatiku
- l-użu ta' vokabularju wiesa'
- iċ-ċarezza f'li jingħad mingħajr interferenza

It-tliet karti b'tema fuq kull waħda jitqiegħdu wiċċhom 'l isfel u l-kandidati jagħżlu karta waħda. Kull darba titbiddel il-pożizzjoni tal-karti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

# GĦALL-UŻU TAL-EŻAMINATURI

## 1. Il-problema tal-illitteriżmu f'pajjiżna

- X'tifhem b'illitteriżmu? Dawk biss li ma jafux jaqraw u jiktbu?
- It-tagħlim fl-iskejjel miftuħ għal kulħadd?
- L-iskola mhux dejjem teqred l-illitteriżmu. Jista' jkun li qed tilħaq dawk l-istudenti li għandhom abbiltajiet akkademiċi biss?
- Hemm oqsma oħra ta' tagħlim: vokazzjonali, sport, mużika, snajja'. Il-ħtieġa ta' skejjel iktar speċjalizzati.
- Għaliex taħseb li għad hawn persentaġġ imdaqqas ta' nies li la jafu jaqraw u lanqas jiktbu?
- Malta fost l-aktar pajjiżi fl-Ewropa b'livell għoli ta' illitteriżmu. Taħseb li dan huwa allarmanti? X'taħseb li qed jikkawża din is-sitwazzjoni f'pajjiżna?
- Il-problemi soċjali: kemm iħallu effett fuq l-illitteriżmu?
- Fejn hu mifrux l-iktar l-illitteriżmu: F'familji bi dħul baxx? F'familji numerużi? F'familji foqra? F'familji f'ċerti nħawi ta' Malta?
- Kemm qed jgħin il-Gvern biex jonqos l-illitteriżmu? L-edukazzjoni b'xejn, għajnuniet lil tfal li għandhom ċerti bżonnijiet, l-istipendji.
- Taħseb li xi ħadd illitterat jista' jgħix ħajja normali? Għaliex?

## 2. L-ekonomija f'rabta jew f'konflitt mal-ħarsien tal-ambjent

- X'taħseb li jfittxu dawk li jfasslu l-ekonomija ta' pajjiż?
- Hawn min ifittex il-profitt l-ewwel u qabel kollox u ma jikkunsidrax il-qerda tal-materja prima?
- Kif taħseb li l-ekonomija tista' tinfluwenza l-ambjent naturali?
  - Il-bini ta' proprjetà minflok għelieqi u art saqwija. Taħseb li hu sew? X'jiswielna l-aktar?
  - Il-qerda ta' foresti għall-produzzjoni tal-injam jew biex jinbena xi bini industrijali jew sportiv.
- X'tifhem bil-frażi "żvilupp sostenibbli"?
- L-użu tat-teknoloġija f'dan il-qasam (pereżempju t-turbini tar-riħ, il-pannelli solari eċċ.) qed inaqqas it-tgawdija tan-natura u tal-ambjent ta' madwarna?
- Taħseb li l-produzzjoni bil-massa tfaqqar il-produttur iż-żgħir? Kif?
- L-enerġija alternattiva qed tilħaq l-iskop veru tagħha jew isservi biex tħaxxen iktar il-bwiet tas-sinjuri? Taħseb li din l-energija tista' tintlaħaq minn dawk li ma jifilħux iħallsu għaliha?
- Taħseb li l-poplu Malti sar aktar konxju tal-ambjent? Kif taf?
- Taħseb li l-laqgħat internazzjonali verament iwasslu għal soluzzjoni favur il-ħarsien tal-ambjent?

### 3. Il-mixi jagħmel tajjeb għas-saħħa

- Għaliex it-tobba ta' żmienna qegħdin jorbtu daqshekk bil-qawwa lis-saħħa mat-taħriġ fiżiku?
- Ir-Rumani kienu jgħidu 'moħħ f'saħħtu f'ġisem f'saħħtu'. X'nifhmu b'dan il-prinċipju li llum sar parir mediku importanti li ħadd ma jissogra jmerih?
- Meta norbtu flimkien lis-saħħa u lit-taħriġ fiżiku nkunu qegħdin nuru kemm huwa importanti l-isport. Taqbel?
- X'inhi l-aħjar ħaġa li għandna nagħmlu biex naċċertaw ruħna li din il-mixja meħtieġa se nissoktaw nagħmluha kuljum mingħajr ma nfallu waħda?
- Mixja bħal din, b'dan l-iskop, u b'mod regolari, għandek tagħmilha waħdek jew ma' ħaddieħor?
- Il-ħin, il-post, it-temp: kemm hu importanti li nagħmlu għażla tajba ta' dawn biex il-mixja tibqa' ħaġa regolari fil-ġurnata tagħna?
- X'taħseb li huma l-aktar raġunijiet li nġibu biex ma nibdewx jew ma nkomplux nagħmlu mixja bħal din? Taħseb li dawn ir-raġunijiet huma ġġustifikati jew huma biss skużi?
- Taħseb li l-poplu Malti sar aktar konxju tal-importanza tal-eżerċizzju fiżiku?

### 4. Il-kultura tax-xiri f'pajjiżna

- Xi jħobbu jixtru l-aktar il-Maltin? Affarijiet tad-dar, ilbies, logħob għall-kompjuter, magażins, kotba?
- Kif jinġibdu biex jixtru? Mir-reklami, minn dak li jaraw madwarhom, billi jitħajru mill-ħbieb?
- Hawn min jixtri biex ikun xtara, għax għandu kilba għax-xiri. Kemm hi minnha din l-istqarrija u għal xiex jista' jwassal dan il-vizzju?
- Ix-xiri mis-*supermarkets*: bl-addoċċ, bil-qies jew bi drawwa?
- Ix-xiri minn fuq il-monti. Għadu mfittex mill-Maltin? Għaliex?
- Is-safar tal-Maltin: għall-kultura jew għax-xiri?
- Hawn min għandu kilba għax-xiri. Għal xiex iwassal dan il-vizzju?
- Iktar Maltin qed jixtru bl-internet. X'jixtru l-aktar?
- X'inhuma l-vantaġġi u l-iżvantaġġi bejn li tixtri minn fuq l-internet u li tixtri minn ħanut normali?
- In-nisa jidher li l-iktar li jħobbu jixtru. Taqbel? Għaliex? Taħseb li l-irġiel jaraw ix-xiri bħala ħela ta' ħin?
- Taħseb li l-edukazzjoni taffettwa l-għażla tal-affarijiet li nixtru? Kif?
- Kemm taħseb li huwa matur il-poplu Malti biex jagħraf jixtri prodotti ta' kwalità?
- Taħseb li l-konsumatur Malti huwa konxju tad-drittijiet tiegħu?

## 5. Il-bżonn li nibnu dinja ta' paċi

- Ninsabu fi żmien meta d-dinja hi mimlija bil-vjolenza, u vjolenza ta' kull sura. Tista' ssemmi xi eżempji ta' vjolenza?
- X'taħseb li jikkawża din il-vjolenza?
- Sikwit naħsbu li l-bniedem kien minn dejjem vjolenti u ġellied. Taħseb li dan huwa minnu u li l-bniedem ma jitbiddilx?
- Hemm il-gwerra fiż-żmien ta' gwerra proprja, imma hemm ukoll il-gwerra fiż-żmien meta suppost ikun hemm il-paċi. Din hi dik il-gwerra li normalment tissejjaħ 'gwerra bierda'.
- Taħseb li l-gwerer jistgħu jkunu ġġustifikati?
- Ftit taż-żmien ilu l-Papa qal li qegħdin fuq l-għatba tat-Tielet Gwerra Dinjija. Taħseb li kien qed jesaġera jew dan huwa minnu? Għaliex?
- L-edukazzjoni favur il-paċi tista' twassal biex din il-vjolenza tinqered jew għall-inqas tonqos?
- X'nistgħu nagħmlu aħna stess, bħala individwi li nemmnu fil-paċi, biex nibdew naraw dinja li ma tibqax turi din il-mibegħda kollha?
- Diversi mexxejja, kemm reliġjużi u kemm politiċi, jitkellmu fi żmienna dwar il-bżonn li 'l-edukazzjoni tal-qalb' ikollha importanza kbira kullimkien, l-aktar fil-familja, fl-iskola u fuq ix-xandir. X'tifhem biha 'l-edukazzjoni tal-qalb' u x'jista' jsir biex din 'l-edukazzjoni tal-qalb' tingħata lil kulħadd f'kull età?
- Taħseb li x-xandir għandu influwenza kbira fuq ħafna nies, l-iżjed fuq dawk li huma l-iżjed vulnerabbli, bħalma huma t-tfal? Taħseb li għandha titneħħa kull sura ta' vjolenza minn fuq il-mezzi tax-xandir, kemm televiżiv u kemm radjofoniku, saħansitra anke fl-aħbarijiet?
- Taħseb li aktar ma tidher vjolenza fuq it-televiżjoni, din aktar tista' tindara, u tispiċċa biex ma tibqax taħsad u timpressjona?

**AM 22/ok2.16m**

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 16 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-PROBLEMA TAL-ILLITTERIŻMU F'PAJJIŻNA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 16 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# L-EKONOMIJA F'RABTA JEW F'KONFLITT MAL-ĦARSIEN TAL-AMBJENT

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA

L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 16 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-MIXI JAGĦMEL TAJJEB GĦAS-SAĦĦA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**
**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 16 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

# GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

# IL-KULTURA TAX-XIRI F'PAJJIŻNA

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

AM 22/ok2.16m

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | L-Oral |
| **DATA:** | 16 ta' Marzu 2016 |
| **ĦIN:** | 10 minuti |

**(10 marki)**

## GĦALL-UŻU TAL-KANDIDAT/A

Suġġett għad-diskussjoni:

## IL-BŻONN LI NIBNU DINJA TA' PAĊI

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | I |
| **DATA:** | 7 ta' Mejju 2016 |
| **ĦIN:** | mid-9:00 a.m. sa 12.05 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki.**

## TAQSIMA A
## Il-Komponiment
(15-il marka)

*Ikteb komponiment ta' bejn 550 u 600 kelma dwar* ***wieħed*** *minn dawn is-suġġetti. F'dan it-taħriġ iridu jintwerew il-kreattività u l-ħila tat-tifsir tal-ħsieb bl-ordni, b'mod ċar, u bi stil idjomatiku.*

a. Il-ħajja tal-lum: ġirja kontra l-ħin.

b. Il-libertà tal-espressjoni fil-kreattività artistika.

ċ. Il-logħob fid-dinja tat-tfal.

d. Il-pika tagħmel ġid jew deni?

e. L-edukazzjoni hija l-għadu tal-gwerra.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## It-Traduzzjoni
(5 marki)

*Agħmel traduzzjoni xierqa b'Malti idjomatiku ta' din is-silta:*

In 1565, a great Turkish fleet appeared off the coast of Malta, starting what is now called the Great Siege of Malta, which was to last for four long months. Although victorious, many knights and Maltese lost their lives. After the siege a new city was built, called Valletta in honour of the Grand Master who led the Order through the siege. This was to be a modern, fortified city, and eventually a city of culture and commerce. In the years that followed, Valletta became a strong fortress, housing imposing churches and palaces. It also became a centre for trade and learning.

(Addattata minn *Brief History of the Islands of Malta and Gozo* ta' Joseph Borg)

## TAQSIMA Ċ
## Il-Lingwistika Maltija
(10 marki)

*Wieġeb mistoqsija* ***waħda****:*

a. Iddiskuti kif il-kuntatt mal-element Sqalli-Taljan u mal-element Ingliż influwenza l-ilsien Malti kemm fuq livell lessikali kif ukoll fuq livell grammatikali.

b. Żewġ elementi importanti fis-semantika huma t-trasferiment metaforiku u t-trasferiment metonimiku. Iddiskuti b'eżempji xierqa.

IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA
L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA

L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA
LIVELL AVVANZAT
MEJJU 2016

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | II |
| **DATA:** | 7 ta' Mejju 2016 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
### Il-Poeżija tas-Seklu XX
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Fl-ambjent naturali l-poeti jsibu s-sabiħ u t-tajjeb li qegħdin ifittxu. Permezz ta' din l-esperjenza jirriflettu fuq il-ħajja. Iddiskuti.

2. Il-poeti Maltin juru li għandhom rabta kbira ma' ġenshom għaliex jaraw fih bosta xejriet sbieħ. Iddiskuti kif huma jħarsu lejn art twelidhom u għala jsibu fiha l-faraġ ta' ħajjithom.

## TAQSIMA B
### Monografiji Poetiċi
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Kull poeżija ta' Pawlu Aquilina tista' titqies bħala silta minn kitba twila waħda li matulha huwa juri t-taħlita ta' hena u niket. Iddiskuti.

2. Il-poeżiji ta' Pawlu Aquilina huma mnebbħin sikwit mill-pajsaġġ li huwa trabba fih, u jesprimu s-sens reliġjuż qawwi tiegħu. Uri kif il-poeta jinqeda bil-mekkaniżmi tal-poeżija biex ifisser is-sabiħ ta' madwaru bħala wirja mimlija bis-sliem li kulħadd jixtieq.

3. Għalkemm il-poeżiji ta' Maria Grech Ganado huma differenti minn xulxin, huma wkoll imseħbin flimkien minn xejra partikolari tagħha: ix-xewqa li titkellem u tinstema', u li mbagħad hi wkoll tisma'. Iddiskuti.

4. Fil-versi ta' Maria Grech Ganado jinħass qawwi l-impenn tagħha favur l-istima li tixraq lil kull persuna. Iddiskuti.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

**TAQSIMA Ċ**
**Il-Kritika Letterarja (Poeżija)**
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta’* ***waħda*** *minn dawn iż-żewġ poeżiji.*

*Agħmel stħarriġ kritiku fit-tul u bir-reqqa dwar il-poeżija li tagħżel, skont ix-xejriet tematiċi u stilistiċi tagħha. Il-poeżija għandha tkun analizzata fiha nfisha bħala xogħol sħiħ, daqskemm biċċa biċċa bħala ġabra ta’ elementi li jsawruha f’ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-unità tal-poeżija, lill-metrika, lit-tqassim tal-istrofi, lix-xejriet tal-frażjoloġija, lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-metafori u lill-għażla tal-kliem.*

(a) **L-Imħabba**

L-imħabba qisha għasfur ġo gaġġa msakkra,
ma tesa’ qatt ġo fik u jekk trażżanha,
torqodlok biex imbagħad issibha mejta.
Jew qisha fjura mħawla fil-ħamrija,
li jekk tisqiha wisq, jew jekk tinsieha,
tidbiel mal-ewwel xemx u tinxef f’daqqa.

L-imħabba bħal ċagħkiet li tiġbor f’bajja,
hemm wisq biex iġġemmagħhom waħda waħda,
u jekk iġġorrhom kollha jgħattnuk taħthom.
Jew qisha jien u int xħin tkun imbiegħda,
u jibqgħu jiftakruk fid-dlam għajnejja,
u fommi jibqa’ jsaqsi għax ħallejtni.

John Aquilina

**JEW**

(b) **Jekk xi darba**

Jekk xi darba tħares lejja
tara l-vojt ta' bniedem fqir,
tara l-fdal tal-parassiti,
tara għasfur ma jafx itir.

Jekk xi darba tħares lejja
tara l-moħba t'eremit,
tara l-qabar ta' tarbija,
tara fjura tmut ftit, ftit.

Jekk xi darba tħares lejja
tara l-ħarba ta' ġurdien,
tara sakranazz jiġġerra,
tara l-jien li qatt ma kien.

Jekk xi darba tħares lejja
u f'għajnejja tara d-dmugħ,
titkellimx, tkun 'ġà bdejt tifhem
l-eleġija ta' żagħżugħ.

Karl Schembri

**IL-BORD TAL-MATRIKOLA U TAĊ-ĊERTIFIKAT TAL-EDUKAZZJONI SEKONDARJA**

**L-UNIVERSITÀ TA' MALTA, L-IMSIDA**

**L-EŻAMI TAL-MATRIKOLA**
**LIVELL AVVANZAT**
**MEJJU 2016**

| | |
|---|---|
| **SUĠĠETT:** | IL-MALTI |
| **KARTA NUMRU:** | III |
| **DATA:** | 9 ta' Mejju 2016 |
| **ĦIN:** | mill-4:00 p.m. sas-7:05 p.m. |

**Wieġeb it-taqsimiet kollha.**

**Kull tweġiba għandha tkun twila bejn 500 u 600 kelma.**

**Ikteb b'Malti tajjeb. L-iżbalji fl-idjoma, fis-sintassi u fl-ortografija jnaqqsu ħafna l-marki. Kull mistoqsija għandha titwieġeb b'rabta sħiħa mat-test.**

## TAQSIMA A
## Id-Drama
(10 marki)

*Wieġeb* ***waħda*** *biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, jidher li hemm kunflitt bejn żewġ modi ta' kif titmexxa l-politika, żewġ modi ta' kif il-politika twettaq il-programm tagħha. X'inhuma dawn iż-żewġ pożizzjonijiet kontra xulxin li l-karattri l-ħin kollu jitkellmu fuqhom? Taħseb li huma daqshekk imbegħdin minn xulxin?

2. F'*Qabel Tiftaħ l-Inkjesta* ta' Alfred Sant, Andrea fehem li l-ħatra tiegħu bħala Viċi President "ma kinitx turija ta' fiduċja fl-ideali tiegħu, imma ammissjoni li l-qerq kien irnexxa." Għid jekk taqbilx ma' din l-analiżi ta' Marco Galea u għaliex.

3. Oliver Friggieri jgħid li l-konċentrazzjoni ta' Francis Ebejer fid-dramm *Menz* "hija fuq il-bniedem bħala parti mill-organizzazzjoni soċjali u bħala l-ħakem u l-ilsir tal-istat konxju tiegħu." Ikkummenta.

4. Fid-dramm *Menz* ta' Francis Ebejer, Menz isir oġġett ta' daħk għall-folla impersonali u magħquda li tqis l-eżistenza tiegħu minn barra. Minn ġewwa huwa l-eroj li jistmerr il-medjokrità ta' madwaru u donnu jikseb it-tifsira waħdanija tiegħu billi jkun dak li ħaddieħor ma hux. Ikkummenta.

© Il-Bord tal-Eżamijiet tal-MATSEC jirriżerva kull dritt fuq il-mistoqsijiet u l-karti tal-eżamijiet tiegħu.

## TAQSIMA B
## In-Narrattiva
(10 marki)

*Wieġeb **waħda** biss minn dawn il-mistoqsijiet:*

1. Kemm bħala membru ta' soċjetà partikolari kif ukoll bħala speċi ta' fotografu tal-istess soċjetà, Lino Spiteri jikteb *Ħala taż-Żgħożija* biex iċaqlaq il-kuxjenza tal-qarrejja daqskemm biex jiskopri x'inhu l-qofol morali ta' din id-dinja ċkejkna li fiha jsib l-ispirazzjoni kollha. Iddiskuti.

2. Waqt li jista' jitqies pittur tal-kuntest soċjali ta' żmienu u ta' madwaru, Lino Spiteri jibni l-ktieb *Ħala taż-Żgħożija* b'sens ta' rispett u b'ġentilezza. B'dawn iż-żewġ xejriet fl-imġiba, tipiċi tal-karattru reali tiegħu, huwa japprezza t-tajjeb u s-sabiħ tas-soċjetà. Iddiskuti.

3. Fir-rumanz *Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, il-protagonista jitbiegħed bil-mod il-mod u kontra qalbu mill-komunità li trabba fiha. Għaliex jiġri dan?

4. F'*Leli ta' Ħaż-Żgħir* ta' Ġużè Ellul Mercer, Leli jistħarreġ lid-dinja raħlija ta' madwaru. Lil din id-dinja huwa jilqagħha u fl-istess ħin jiċħadha. Fl-aħħar jispiċċa biex jistħarreġ mhux biss lil raħlu, imma fuq kollox lilu nnifsu. Iddiskuti.

## TAQSIMA Ċ
## Il-Kritika Letterarja (Proża)
(10 marki)

*Agħmel analiżi kritika dettaljata ta' **waħda** minn dawn iż-żewġ siltiet ta' proża.*

*F'dan it-taħriġ m'għandhiex tingħata t-taqsira tas-silta magħżula. Is-silta ta' proża għandha tkun mistħarrġa fiha nfisha skont il-binja tagħha – narrattiva, deskrittiva, riflessiva, jew il-bqija – daqskemm bħala l-ġabra tal-elementi li jsawruha f'ħaġa waħda. Għandha tingħata importanza ewlenija lill-partijiet tat-taħdit, lill-figuri tat-taħdit, lill-binja sintattika tas-sentenzi, lit-tonalità, lir-ritmu li fiha, lill-għażla tal-kliem, u lil kulma jirrendiha letterarja.*

**(a)**

Ħareġ ġurdien illum. Konn'ilna xitwa sħiħa ma naraw far iswed bħal dan. "Far" jgħidulu, għax kien kbir. X'aktarx ħareġ mill-kantina mirduma ħdejn il-garaxx tal-pulizija fejn kien joqgħod Spiru l-Korean qabel ma tellgħuh frankuni. Waħdu kien joqgħod, taħt l-art, u zijuwi jgħid li kien jitmagħħom hu lill-ġrieden, u kull qattus li kien jara joqtlu. Sakemm fl-aħħar ħebb għat-tifel ta' Ġamri, dak li daħal suldat, għax kien jgħajru, "Korean, Korean, se nidfnuk taħt il-qatran!" u kien jitfagħlu l-ġebel biex jismagħħom iwerżqu u Ġamri ħalef li frankuni jtellgħu, u hekk għamel.

Xiħ kien, kważi tħassartu għax kont naf x'inhu ġej. Forsi ħareġ għax kienet għamlet ix-xita jew forsi biex imut. Bilkemm laħaq dar il-kantuniera għat-triq tagħna li ma lemħitux oħti li kienet qiegħda taħsel l-*Escort* tal-għarus tagħha Martin. Qajmet rebus sħiħ tgħajjat u twerżaq qisha miġnuna. "Ġurdien! Ġurdien!" bdiet tgħajjat waqt li qabżet fuq il-*bonnet* tal-karozza minkejja li fiha l-piż mhux ħażin. Naħseb li Martin ma tantx se jieħu gost għax allaħares min imisshielu. Il-karozza, jiġifieri. In-nisa, fosthom ommi, li kienu miġburin ħdejn il-vann ta' Lippu tal-ħaxix, qishom semgħu li ġej xi ħbit mill-ajru, bħal fi żmien il-gwerra. F'ħakka t'għajn bdew jiġru kemm jifilħu, jgħollu saqajhom donnhom l-art saret tikwi, ixejru dirgħajhom impaħpħa u jħanġru l-allarm. Għal naqra

m'għaffġitnix ommi. Bid-dagħdigħa li kellha baqgħet għaddejja minn fuqi ħdejn it-tarġa ta' barra, sabbtet il-bieb u l-antiporta, sakkret it-twieqi u l-gallarija u dritt għal fuq il-bejt. Sewwa jgħid zijuwi – in-nisa jagħmlu frattarija għalxejn.

(Minn "Il-Ġrieden" ta' Henry Holland)

**JEW**

**(b)**

U issa qed naħseb f'Rida – ommha – u f'kemm ma ħsibthiex daqshekk orrajt. Fl-ewwel lejl li rqadt għandhom. Fit-tieni u fit-tielet. F'għeluq is-sitt xhur. F'dakinhar li Samirah u jien qgħadna ngħinuha taħmi pastilla. U fid-diskursata li kellna meta mit-torta ma kien fadal xejn u Samirah marret taħsel il-platti. Dakinhar li għidtilha li ommi ma tantx hi kuntenta li jien u Samirah qed noħorġu flimkien. U kienet qaltli li r-reliġjon, kultant, għandha ħabta tifred flok tgħaqqad. U m'għandux ikun hekk għax ir-reliġjonijiet kollha huma dwar kelma waħda. Imħabba. U kienet qaltli xi ħaġa li dak il-ħin xtaqt niftakarha biex ngħidha lil ommi iżda li bħalissa qed ninsieha. U niftakar kienet għafsitli jdejja – qisni kont tagħha – u qaltli nagħmel kuraġġ għax m'hemm xejn li jinbidel tant malajr daqs il-bniedem u l-mod kif jaħseb. U qed naħseb f'leħen ommi. "Ġibli lil min trid. Ġappuniża. Russa. Żingara. Imma Musulmana le!" U kont ippruvajt nuriha li dak li qed tgħid ma jagħmel ebda sens. Anzi. Kont naħsibha iżjed bis-sens għax f'ħajti kollha dejjem hekk tatni x'nifhem. U għal ħdejn nisa oħra tamparha għandha sens biex tbigħ. Iżda dwar Samirah iddiżappuntatni. Għax kif tista' taħseb li għax Musulmana ma tinħasilx! Jew li tilbes ħafna ħwejjeġ fuq xulxin? Jew li tinżel tgħum bi xkora madwarha? Jew li l-Musulmani jsajru fil-kamra tas-sodda? Kif tista'?! Kemm kont naħsibha differenti lil ommi! U l-iskola kont niftaħar biha għax fejn ħaddieħor kienet tal-ostra. Għax waqt li ħaddieħor kien iħalli lil tal-Jehovah barra fuq il-bankina jew ikeċċihom, ommi kważi kważi kienet tagħmlilhom festa. U mbagħad staqsietni dwar missier Samirah u meta għidtilha li ma tafux, bħal donnha ħadet xi tweġiba. Xi konferma tal-ħsieb tagħha. U kelli aptit nistaqsiha dwar tiegħi. Iżda, għal darba, qgħadt lura.

(Minn "Nixtieq ngħajjat lil Samirah" ta' Pierre J. Mejlak)